TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 39

L-Erbgha, 20 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillier Josef Fitzpatrick infurmaw li kienu se jkunu msifrin u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 38 li saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2022, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

***2.1*** Tressqu quddiem il-Kunsill l-ittri ta' apologija minghand il-Vici Sindku Anthony Camilleri u minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li nfurmaw li kienu msifrin.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***3.1*** ***Pjazza San Luqa***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienet tressqet l-applikazzjoni ghal meters tad-dawl u l-ilma mal-ARMS.

***3.2*** ***Kuncert li jsir vicin Jum il-Lokal***. Kif gie deciz fl-ahhar seduta, biex bhala kollaborazzjoni mal-Kunsill Regjonali Lvant fi Progetti kulturali, isir kuncert vicin Jum il-Lokal, il-Kunsill hatar sotto-kumitat sabiex jitfassal programm ghal din l-attivita` kulturali. Is-sotto kumitat ser ikun kompost mis-Sindku u l-Kunsillieri Savo u Pisani flimkien mas-Sur Damien Saliba.

Kien hemm qbil ukoll li f'din l-attivita` ghandu jinghata wkoll Gieh il-Lokalita`.

## 4 KORRISPONDENZA

***4.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill l-Espressjoni ta' interess dwar il-Kampanja Clean Up The World 2022. Il-Kunsill qabel li jippartecipa f'din il-kampanja.

***4.2*** Tressqet ukoll quddiem il-Kunsill Cirkulari SPI/SCI/08/2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Espressjoni ta' Interess ghal Finanzjament Milied 2022. Din l-iskema mhux ser tkun qed tiffinanzja l-attivita` 100% u ghalhekk kien hemm qbil li ghal din is-sena il-Kunsill ma jippartecipax.

## 5 MISTOQSIJIET

***5.1*** Il-Kunsillier Pisani staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-tindif tal-postijiet li kienu jiehdu hsibhom l-ELC. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li safejn hu possibli, haddiema tal-community work scheme kienu qed jiehdu hsieb dawn il-postijiet. Kien hemm qbil unanimu li min minn dawn il-haddiema ma jirrapurtax ghax-xoghol kif suppost, il-Kunsill ghandu jitlob *replacement* tieghu.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Pisani, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 36. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fl-4.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2022, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku